MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1232/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Marcelle Marthese Ambinett (K.I. 110568M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ sitt mija, erbgha u ghoxrin ewro w sebgha u tmenin centezmu (€624.87) rapprezentant bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici ghas-servizz ta’ prodott pprovduti lill-istess konvenuta a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (rendikont anness u mmarkat bhala Dok A mat–talba). Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti w ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 11 ta' Novembru, 2010 mill-Avukat Dr. Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------